# L-Istat Kostrutt

L-għan ewlieni ta' din l-attività interattiva huwa li l-istudenti jiġbru fi gruppi numru ta' ismijiet ta' djar fl-istat kostrutt.

*(Din l-attività hija intenzjonata li ssir wara l-ispjegazzjoni ta' kif jissawwar l-istat kostrutt. B'hekk din l-attività li hija maqsuma f'erba' attivitajiet żgħar għandha ssir bil-għan li l-istudenti jsiru iktar familjari ma kif jinbena l-istat kostrutt.)*

**Id-deskrizzjoni tal-attività:** *(Attività fuq il-bord interattiv)*

1. Huwa importanti li bħala l-ewwel pass, l-għalliem jiftaħ il-preżentazzjoni fuq il-bord interattiv. Din il-preżentazzjoni hija l-pedament ewlieni tal-attivitajiet kollha.

2. Fil-preżentazzjoni, l-għalliem u l-istudenti huma mistennija jimxu mal-passi li jagħtihom il-karattru ta' Pawlu l-pustier.

3. Mill-ewwel sett ta' tmien ismijiet, l-istudenti janalizzaw u jidentifikaw l-ismijiet tad-djar li huma fl-istat kostrutt.

   L-ismijiet fl-istat kostrutt jixegħlu lewn **aħdar** - **risposta tajba**.

   L-ismijiet li mhumiex fl-istat kostrutt jixegħlu lewn **aħmar** - **risposta ħażina**

4. L-istudenti jintalbu janalizzaw sewwa t-tieni sett ta' ismijiet. Din id-darba l-istudenti jridu jidentifikaw l-ismijiet tad-djar li mhumiex fl-istat kostrutt.

   L-ismijiet li mhumiex fl-istat kostrutt jixegħlu lewn **aħdar** - **risposta tajba**.

   L-ismijiet fl-istat kostrutt jixegħlu lewn **aħmar** - **risposta ħażina**.

# L-istat kostrutt




5. L-istudenti jintalbu janalizzaw sewwa t-tielet sett ta' ismijiet. L-istudenti jridu jaqilbu l-ismijiet tad-djar fl-istat kostrutt imbagħad jiktbu r-risposta fil-vojt.



6. L-istudenti janalizzaw sewwa l-aħħar sett ta' ismijiet. Huma jridu jiktbu l-frażi li minnha ssawwar l-istat kostrutt.

